# Il-Ħadd 27.03.2022

1. Matul il-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd (26-27/03) immexxu l-arloġġ siegħa 'l quddiem għall-ħin tas-sajf.

2. Illum 27/03, **ir-Raba' Ħadd tar-Randan**:
    - Infakkar fil-qfief maġenb ir-rokna tal-KARITÀ sabiex inkomplu nimlewhom b'affarijiet li wara jingħataw bħala għajnuna lill-persuni fil-bżonn u istituti, fosthom anke għan-nies tal-Ukrajna.

3. It-Tnejn 28/03:
    - Fil-4:45pm - **Niċċelebraw l-Ewwel Qrara**, fil-knisja parrokkjali.

4. It-Tlieta 29/03 (u mhux l-Erbgħa):
    - Mis-7:00pm sas-7:30pm: **Ir-Raba' laqgħa tal-Eżerċizzi għal Kulħadd** li tixxandar permezz tal-live streaming fuq il-facebookpage tal-parroċċa: ***https://www.facebook.com/parroccaHalsafi/***

5. Il-Ġimgħa 01/04, **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**:
    - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda.
    - Fis-5:45pm - Qrar.
    - Fis-6:30pm - Quddiesa.
    - Mis-7:00pm sas-7:30pm - **Il-Ħames laqgħa tal-Eżerċizzi għal Kulħadd tikkonsisti f'Adorazzjoni tas-Salib u tintemm bil-Barka Sagramentali.** Tixxandar permezz tal-live streaming fuq il-facebookpage tal-parroċċa: ***https://www.facebook.com/parroccaHalsafi/***

6. Is-Sibt 02/04 u l-Ħadd 03/04: ***Viżta Appostolika tal-Papa Franġisku f'Malta***:
    - Tajjeb noffru t-talb tagħna għas-suċċess ta' din iż-żjara u biex dak li ser jgħidilna ngħixuh.
    - Infakkru lil dawk li għandhom arblu fuq il-bejt biex tul iż-Żjara tal-Papa titella' l-bandiera tal-Papa.
    - Inħeġġukom biex fejn tistgħu tattendu, speċjalment għall-quddiesa li ser issir fuq il-Fosos tal-Floriana il-Ħadd 3/04 fl-10:15am; f'każ li mhux possibbli tattendu inħeġġukom issegwu din iż-żjara minn fuq it-televiżjoni u l-mezzi tax-xandir.
    - Fil-parroċċa tagħna tajjeb nieħdu nota li l-Ħadd 3/04, il-quddies ser ikun f'dawn il-ħinijiet:
        - fis-6:45am,
        - **fit-8:00am** (minflok fid-9:00am)
          *Dan biex imbagħad bħala saċerdoti nkunu nistgħu nieħdu sehem fil-quddiesa mal-Papa.*
        - fis-6:00pm.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
    - € 125 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda;
    - € 100 bħala donazzjonijiet b'risq il-proġetti ta' manutensjoni u restawr.
    - € 175 (b'kollox € 935) bħala donazzjonijiet b'risq il-poplu tal-Ukrajna. Grazzi.
    Infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points.** Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.